MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 524/2014

Appell Nru: 524/2014

Il-Pulizja

Spettur Edmond Cuschieri

Vs

George Abela

Susan Abela

Illum 26 ta’ Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti George Abela, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 231463M u Susan Abela, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 359268M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-11 ta' Settembru, 2011 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (09:30pm) fi Triq it-Trill, Mellieha, mighajr il-hsieb li joqtlu jew iqghedu il-hajja ta' John Bugeja u Lucy Bugeja f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-imsemmija John Bugeja u Lucy Bugeja, jew gabulhom disordni f'mohhhom, liema offiza hija gravi skond it-termini tal-artikolu 216(1)(a)(ii) u 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond kif iccertifika Dr. A. Mercieca MD mill-Isptar Mater Dei.
2. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju, jew glied u dan ai termini tal-artikolu 338 (m) u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti f'kaz ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni giet mitluba sabiex tapplika l-aggravanti li hemm mahsuba fl-artikolu 222A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-vittmi John Bugeja u Lucy Bugeja it-tnejn huma persuni li ghalqu s-sittin sena.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittmi billi tiehu dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216, 222A, 338(m), 338(dd), 383, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u ikkundannat lill-hati **George Abela** ghal piena ta` prigunerija ta` disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; u fil-konfront tal-hatja **Susan sive Sue Abela**, peress li jissussistu l-elementi idoneji,

tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Susan sive Sue Abela fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil George Abela, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tapplika d-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li ma saret ebda hatra ta` xi espert jew perit;

In oltre pero`, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` John Bugeja u Lucy Bugeja, l-Qorti qed torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta` elf Euro (€1000) kull wiehed u wahda minnhom, ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Abela u Susan Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi minhha tillibera lil appellanti skond il-ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena; u

Minghajr pregudizzju, f'kaz li l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirrifomaha in rigward tal-pinea inflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti George Abela u Susan Abela huma s-segwenti w cioe':-

Illi primarjament, l-appellanti esponenti jirrilevaw illi dan l-incident ma kienx kagun ta' atti pjanati u b'malizja aggredew lil John Bugeja u martu Lucy; l-incident irrizulta bhala wiehed fejn kull uman nomali jekk jilmah lil missieru li ghadu hiereg minn operazzjoni serja tenut kont l-eta fragli ta' 76 sena (dak iz-zmien kellu 74 sena), certament ma jibqghax passiv u kalm u jhalli l-incident jizviluppa u wara jara x'jigri! Il-Ligi stess kif tipprovdi fid-diversi tezijiet ta' legittima difesa tipprovid ghal eventwali difiza ghal istess persuna, izda hawn si tratta tal-persuna ta' missier l-appellanti.

Kien ikun izjed difficli ghad-difiza tal-appellanti li kieku l-appellanti irrizultaw li stennew il-wassla ta' John Bugeja u hebbew ghalih ghal xi ragunij jew ohra. Mhux hekk dan il-kaz. L-appellanti kienu ghall affarjiet taghhom gewwa Flat 5 fl-istess binja, u filwaqt li kienu qed jistennew lil missierhom jasal ma kienux qedin jistennew li jisimaw kommossjoni u lehen missierhom li ovvjament indunaw bih, ghiegelhom jinzlu jindagaw x'gara. Kien hawnhekk illi zviluppat quasi glieda, izda qighed jkun accennat quasi, kagun tal-fatt illi jekk din l-Onorabbli Qorti tinnota estetikament l-istatura tal-appellant George Abela meta mqabbla ma dik tal-anzjan John Bugeja malajr wiehed jinduna illi kieku l-appellant George Abela verament attakka lil Bugeja kieku l-konsegwenzi kienu jkunu ferm aghar milli kif iccertifikaw tobba laceration wound.

Illi f'passjoni tal-mument instatanju, persuna normali, tara lil missierha ta' eta (ghaxar snin izjed anzjan minn John Bugeja) ftit jiem wara li kien operat l-isptar fuq il-musrana tieghu, mhux facli illi ma tirrjegaxxix u tibqa' passiv qisha mhu tara xejn! It-teorija ta' in self defence generalment tintuza meta persuna tincita din id-difiza waqt kaz fejn hija stess tkun giet aggredita, izda meta jkun hemm kaz fejn missier anzjan kif deskritt, jkun qieghed jigi aggredit huwa stess anka jekk minn anzjan

iehor izda ta' eta anqas minnu, allura si come illi wiehed jintervjeni sabiex jipprotegi lil missieru.

Illi tant kien ovvju dan l-incident illi kien mertu ta' difiza lil missier l-appellanti, illi l-istess ufficjal investigattiv lanqas arresta jew ha stqarrija lil istess esponenti ossia appellant kif jindika l-process tal-atti sucitati;

Kif kien citat percizament f'kaz li jirrispekkja l-appell odjern, il-Qorti Kriminali qalet hekk:

"Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara irreparabbli: il-perikolu jrid ikun attwali, instatntaneju, u assolut u ma jridx jkun xi perikolu anticipat"

Illi l-hsara fizika fuq missieri l-appelalnti certament kienet facilment tirrizulta bhala wahda irreparabbli, kieku ma kienx ghal intervent ta' ibnu George Abela! Jiem wara li Pawlu Abela operah fil-musrana, seta wiehed jkun cert illi aggressjoni minn ragel ta' eta' anqas minnu (10 snin izghar), twasal ghal non konsegwenzi? Illi hawnhekk qieghed ikun issollevat l-aggraju tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti cjioe dik ta' disa' xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin fuq George Abela;

Illi bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decide taghha u konsidrazzjonijiet, dan il-kaz gie deskritt bhala 'aggressjoni fizika fuq anzjani konjugi Bugeja mill-impuati li huma ferm izghar fl-eta. Din kienet aggressjoni minghajr gustifikazzjonijew skuzanti!! Hanwhekk jidher cjarament illi l-ezistenza u l-prezenza ta' Pawlu Abela li jerga jkun ritenut ghandu 76 sena, u li kien qieghed jigi aggreedit minn Bugjea ma kienitx konsiderata fl-istess sentenza appellata.

Jsegwi illi sabiex ir-ragunar tal-Ewwel Qorti jreggi, irid ikun kaz fejn l-appellanti wahdehom u minghajr prezenza ta' missierhom, aggredew lil Bugeja, haga li certament qatt ma grat kemm ilhom jirrisjedu fl-istess binja l-partijiet. Illi dan huwa l-gist fundamentali li l-appell gie intavolat.

Illi l-appellanti Susan Abela, bhala mara, intervjeniet billi warrbet permezz ta' kuntat limitat fiziku lil mart John osia Lucy Bugeja li wkoll jirrizulta mix-xhieda ta' Pawlu

Abela li aggrediet lil istess missier l-appellanti u dan aka jekk omm l-appellanti ma kienitx prezenti fl-istess incident. Kien wiehed jifhem izjed kieku Lucy Bugeja attakat jew aggrediet lil omm l-appellanti, izda hawn mhux hekk gara: tant kienu akkaniti l-allegati vittmi sabiex jwaqqfu lis-sid l-appartament numru 5, fl-istess binja milli jkompli jazzarda jilmenta minn xoghol fil-komun pjan terran, illi anka sahanistar mara anzjana attakkat lil Pawlu Abela anka jekk sapjenti illi ghandu izjed minn 75 sena!

Illi hawn huwa indispessabbli illi l-appellanti jilmentaw minn faqar ta' investigazzjoni mwettqa meta sehh dan l-incident: il-verzjoni kemm ta' missier l-appellanti ossia Pawlu Abela kif wkoll ix-xhieda volontarja tal-imputati appellanti qatt ma setghet tkun mqabla ma' verzjoni li taw huma stess meta fis-sena 2011 ezattament 11 ta' Settembru sehh dan l-incident! Dan stante illi l-appellanti ma rrilaxxawx stqarrija a tempo vergine u l-uniku raguni kienet illi lanqas biss marru l-ghassa jew addirittura kif normalment jigri f'kazijiet simili jittiehdu l-ghassa jew depot ghal izjed stharrig!!

Hawnhekk ikun idoneju li jkun citat bran dwar investigazzjoni fqira li minnha Qorti ghandha tasal anke ghal liberatorja:

"However, shouold the overall feel of the caue-including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed frokm the transcripts of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, a conviction will be squashed"

Illi certament setghet l-Ewwel Onorabbli Qorit tinnota varjanzi jekk ikun il-kaz li xi xhieda varjaw jew biddlu l-verzjoni friska kieku ttiehdet stqarrija dakinhar jew l-ghada tal-incident, xi haga li ma saretx!

Ikkunsidrat:

Jidher illi l-fatti ta' dan il-kaz huma pacifici bejn il-partijiet. Fil-hdax (11) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (9.30p.m.) gara incident fi Triq it-Trill, il-Mellieha bejn l-appellanti George Abela u

ohtu Susan Abela li kien involut ukoll missierhom Paul u l-kwerelanti John u Lucy konjgi Bugeja. Kollox beda minn kwistjoni ta "leakage" ta' ilma minn saqaf ta' appartament. John Bugeja kien innota xi qtar ta' ilma gej mis-saqaf tal-appartament fi blokk ta' appartamenti bl-isem ta' Fiesta Apartments. Bugeja ghandu l-appartament numru wiehed (1) u cempel lil ta' fuqu Raymond Zammit illi ghandu l-appartament numru tnejn (2). Flimkien ghamlu xi verifiki u irrizultalhom li l-komun kien hemm xi kisi mxarrab u meta tkisser dan il-kisi indunaw illi dan kien pipe li kien kien qed jaghmel l-ilma, liema pipe kien jappartjeni lill-appartament numru hamsa (5). John Bugeja mar ikellem lil Sue Abela illi kienet tghix gol-appartament numru hamsa (5) u hija qaltlu illi kienet ser tinforma lil missierha Paul Abela ghax ll-appartament kien tieghu. Aktar tard John Bugeja lemah lil Paul Abela u qallu bil-hsara illi kien hemm fil-pipe ghall-appartament tieghu. Paul Abela però flok ma ikkopera kien pjuttost arroganti mieghu u qallu li l-pipe tal-ilma kien kissirulu huwa stess meta kiser il-kisi. Hawnhekk inqala' argument verbali bejn John Bugeja u Paul Abela. F'dan l-argument intervjena l-appellant George Abela li agredixxa lil John Bugeja. Bid-daqqiet waqa' mal-art. Martu Lucy Bugeja marret biex twaqqaf lil George Abela u kien f'dan il-mument illi resqet fuqhom l-appellanta Sue Abela illi tidher illi hebbet ghal Lucy Abela li ukoll sofriet griehi.

L-appellanti però taw tifsira daqsxejn differenti lil dan l-incident u qed jghidu illi huma kienu fl-appartament taghhom meta semghu lil missierhom ikollu xi jghid ma' John Bugeja u li kien dan John Bugeja illi agredixxa lil missierhom u ghalhekk l-appellant George Abela intervena biex jipprotegi lil missieru. L-istess ghamlet l-appellanti Susan Abela meta rat li Lucy Bugeja kienet ukoll se tinvolvi ruhha f'din il-glieda sabiex tagredixxi lil missierha Paul.

L-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-konjugi Bugeja u sabet lill-appellanti hatjin. Ikkundannat lil George Abela ghal piena ta' disa' xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin. Sabet ukoll lill-appellanti Susan Abela hatja però illiberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. Di più applikat il-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap 9 taht penali ta' elf ewro (€1,000).

Iz-zewg appellanti hassuhom aggravati b'din is-sentenza u minnha interponew appell peress illi deherilhom illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zblajata tal-fatti esposti quddiemha.

Ikkunsidrat:

L-appellanti qeghdin jargumentaw illi dan l-incident gara sforz ta' aggressjoni illi kien hemm da parti tal-konjugi Bugeja fuq missierhom Paul Abela u kulma ghamlu kien biss illi jiddefendu lil missierhom. Ghalhekk dan kellu jkun kaz ta' self defence jew si mai eccess ta' self defence.

Ikkunsidrat:

Jihder illi l-ewwel Qorti ikkunsidrat din id-Difiza mqajjma mill-appellanti tant illi iddikjarat illi "wara li qieset kollox funditus din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kaz tal-Prosekuzzjoni gie pruvat skont il-ligi. L-imputati u missierhom ma kienux konvincenti bizzejjed, almenu sal-grad tal-probabbli, biex jiskussaw il-verzjoni mressqa mill-konjugi Bugeja. U imkien mill-atti ma rrizultaw, ghas-sodisfazzjon tal-ligi, l-estrimi tad-difizi ta' legittima difesa jew l-eccess tal-legittima difesa."

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti biex tara jekk id-decizjoni taghha kinitx wahda ragjonevoli. Din il-Qorti tikkonkludi illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u bhalha tikkonkludi "illi hawn si tratta ta' aggressjoni fizika fuq l-anzjani konjugi Bugeja, mill-imputati li huma ferm izghar fl-età. Din kienet aggressjoni minghajr gustifikazzjoni jew skuzanti. U ma ghandhiex tigi tollerata f'socjetà civili. Mhux sew li persuna, li taghmel ilment gustifikat minhabba hsara illi kienet qieghda ssir, tigi aggredita fizikament."

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-meritu din il-Qorti ma thossx illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-appellanti talbu illi din il-Qorti tikkonsidra piena aktar idoea u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami. Il-principju regolatur hu li

mhux normali li l-Qorti tal-Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Fil-fatt il-piena inflitta tidhol f'tali parametri u hawnhekk hawn ukoll mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------